

Brussell, 27 ta' Mejju 2024  
(OR. en)

9508/24

COHOM 100

## EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 27 ta' Mejju 2024

lil: Delegazzjonijiet

---

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-allinjament tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024 mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-allinjament tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024 mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027, approvati mill-Kunsill fl-4028 laqgħa li saret fis-27 ta' Mejju 2024.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-allinjament tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024 mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027**

1. Il-Kunsill jissottolinja l-approċċ kollettiv ta' Tim Ewropa biex jiġu implimentati l-impenni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024 fil-livell globali, reġjonali u tal-pajjiż, inkluż permezz tal-ħidma tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, il-Kummissjoni Ewropea, ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, id-Delegazzjonijiet u l-Uffiċċji tal-UE, il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK u l-kontributi tal-Istati Membri u tas-šhab tas-soċjetà ċivili.
2. Il-Pjan ta' Azzjoni ġie implimentat f'ambjent internazzjonali kkaratterizzat miż-żieda ta' kunflitti armati, awtoritarjaniżmu, u rigress dinji kontra d-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ifakkar fl-isforzi qawwija tal-UE biex tappoġġa l-multilateraliżmu li jippromwovi l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli bis-sistema tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU fiċ-ċentru tagħha. L-UE ġġedded l-impenn tagħha għad-drittijiet tal-bniedem kollha bħala universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati, kemm jekk ċivili, kulturali, ekonomiċi, politiċi jew soċjali. L-UE ttenni l-impenn tagħha favur l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni u favur id-dritt tal-persuni kollha li jgawdu l-firxa šiħha ta' drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali, u favur il-parteeċipazzjoni ta' zġhażagħ, bniet u nisa, persuni b'diżabbiltà u persuni LGBTI, fost oħrajn, kif ukoll favur il-protezzjoni ta' min jinsab f'sitwazzjonijiet żvantaġġati, vulnerabbli u emarġinati, inkluż it-tfal. Ir-rigress demokratiku madwar id-dinja, l-erożjoni persistenti tad-drittijiet tal-bniedem, id-diżinformazzjoni u l-użu malizzjuż ta' teknoloġiji li qed jevolvu malajr jikkonfermaw il-ħtieġa għal azzjoni determinata, effettiva u koerenti biex jiġu rrispettati u avvanzati d-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji u l-valuri demokratiċi, biex jiġu integrati aktar fil-politiki esterni kollha tal-UE u biex tintwera l-importanza kruċjali tagħhom għal soċjetajiet paċifiċi u prosperi.

3. L-implimentazzjoni effettiva tal-Pjan ta' Azzjoni, inkluż permezz tal-Programm Tematiku dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija taħt l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali għall-perjodu 2021-2027, li għandu l-għeruh sodi tiegħu fl-oġettivi u l-prijoritajiet tal-Pjan ta' Azzjoni, hija essenzjali biex jiġi żgurat appoġġ b'saħħtu kontinwu għall-protezzjoni tad-demokrazija u għall-promozzjoni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.
4. Il-Kunsill jinnota li r-Rieżami ta' Nofs it-Terminu tal-Pjan ta' Azzjoni kkonkluda li l-prijoritajiet tiegħu għadhom validi u li dan il-Pjan ta' Azzjoni bbenefika mill-allinjament tiegħu mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali. Dan l-allinjament kruċjali għandu jkompli, peress li ppermetta li l-programmi tematiċi u ġeografiċi rilevanti jikkontribwixxu direttament għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-Pjan ta' Azzjoni, u b'hekk jiġu żgurati l-impatt u l-effettività tiegħu.
5. Bil-ħsieb li tiġi massimizzata s-sinerġija bejn il-Pjan ta' Azzjoni u l-programmi tematiċi u ġeografiċi, il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024 huwa b'dan estiż sal-2027 sabiex jiġi allinjat maċ-ċiklu sħiħ tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027.
6. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE li tippromwovi approċċ globali u olistiku sabiex jinbnew soċjetajiet reżiljenti, inklużivi u demokratiċi f'kundest globali diffiċli. L-appoġġ għas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, it-tisħiħ tal-integrità elettoralu u t-tisħiħ tal-parteċipazzjoni fil-ħajja pubblika u politika, speċjalment għan-nisa u ż-żgħażaġh, huma prijoritajiet fil-qalba tal-politika barranija tal-UE. Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, it-tisħiħ tal-istat tad-dritt, l-appoġġ għall-media indipendenti u pluralistika u s-sikurezza tal-ġurnalisti, il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-kontribut għal sfera diġitali li tissalvagwardja d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, jibqgħu ċentrali fl-azzjoni esterna tal-UE.

7. L-UE ser tkompli tapplika approċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-azzjoni esterna tagħha u tippromwovi l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala prijorità fl-oqsma kollha ta' azzjoni. L-UE ser tkompli tindirizza l-forom kollha ta' diskriminazzjoni, u ser tintensifika l-azzjoni biex tindirizzahom, b'attenzjoni speċifika għal diversi forom u forom kumulattivi ta' diskriminazzjoni, fosthom abbażi ta' sess, razza, orijini etnika jew soċjali, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, diżabbiltà, età, orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġeneru. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li tirrispetta, tiproteġi u tissodisfa d-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali u ttenni l-pożizzjoni tagħha li r-realizzazzjoni sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha hija prekondizzjoni biex jinkiseb żvilupp inklużiv u sostenibbli. L-UE ser tespandi l-enfasi tagħha fuq in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tindirizza wkoll l-effetti fuq id-drittijiet tal-bniedem tad-degradazzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima.
8. Filwaqt li tagħmel progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni, l-UE ser tkompli tistinka għall-koerenza u tfittex sinerġiji fil-livell tal-pajjiżi, reġjonali u globali. L-UE ser tkompli twessa' u tapprofondixxi s-sħubijiet bilaterali u tibni koalizzjonijiet transreġjonali ġodda. L-UE ser tkompli tikkundanna bil-qawwa l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, il-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali, l-attakki kontra d-demokrazija, inkluż ir-repressjoni tal-ispazju ċiviku u l-media indipendenti. L-UE ser tkompli l-azzjoni tagħha biex ittemm l-impunità u ssaħħaħ ir-responsabbiltà u tiżgura l-konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju, filwaqt li timmobilizza fejn xieraq ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem. L-UE ser tintensifika wkoll l-isforzi tagħha biex tippromwovi narrativa pożittiva li tissottolinja d-diversi benefiċċji li l-avvanz tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija jgħib għall-partijiet ikkonċernati kollha b'appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli, il-paċi u s-sigurtà u l-avvanz ta' soċjetajiet ekwi, diversi, pluralistiċi u inklużivi. L-UE tfittex li tmexxi bl-eżempju billi tissodisfa l-obbligi tagħha stess, billi tirrispondi għall-isfidi tagħha stess u taspira għal approċ koerenti fil-politiki interni u esterni kollha tagħha.

9. Hekk kif tkompli l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni, il-Kunsill ifakkar fir-rwol ċentrali tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-gwida ta' dan il-proċess, u jistieden lis-sħab fir-reġjuni kollha, inkluż l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-atturi ta' appoġġ għad-demokrazija, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-atturi privati, biex jingħaqdu fl-isforzi b'sens ta' urġenza mġedded biex jiddefendu u javvanzaw id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija madwar id-dinja.
-